MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2007

Numru 213/2006

**Il-Pulizija**
**(Sp. Joseph Mercieca)**

**v**

**Ritianne Galea ta' 17-il sena**
**bint Emanuel Galea u Carmen nee Calleja,**
**imwielda Pieta' fit-18 ta' Awissu, 1988 u li**
**toqghod Blokk B, Flat 18, Triq il-Hawha, San Gwann,**
**detentrici ta' karta al-identita' bin-numru 388288 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Ritianne Galea li giet akkuzata talli fl-24 ta' Jannar, 2006 u/jew fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, xjentement laqa' ghandu hwejjeg

misurqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat (liema valur ma jaqbizx l-elf lira Maltin) ai termini tal-artiklu 334 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li Ritianne Galea ma ghandha ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji u rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghall-istess (fol 4 u 5).

Rat li l-akkuzata rregsitrat ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra taghha (fol 5), rat ghalhekk il-pre sentencing report redatt, dok IT.

Rat ukoll li giet imhallsa s-somma mertu ta' l-akkuza.

Rat l-istqarrija ta'l-istess Galea.

Ghaldaqstant qed issibha hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghha wara li rat l-artikolu 334 tal-Kapitlu 9, tenendo dak kollu premess rat l-artikolu 22 tal-Kapitlu 446 u qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tliet snin mil-llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------